KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

TAS-SLIEMA

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 56

Is-sitta u ħamsin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2023 fis-6pm ġo sala ġewwa Piazetta.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Anton Debono | Viċi-Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18:05:*
*56.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 55;*
*56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri*
*56.5 Rapporti*
*56.6 Items Oħra ;*
*56.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*56.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*56.9 Mozzjonijiet ;*
*56.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

**56.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

56.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillieri l-Viċi Sindku u l-kunsilliera W.Vella Baldachhino, V.Galea Pace u K.Wain talbu biex ikunu skużati.

**56.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 55**

56.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 55 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier D.Soler ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier E.Borg issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti 55*

56.2.2 B'referenza għal punt 55.3.1 is-Sindku informa li x-xogħolijiet fuq triq il-Kbira se jibdew fil-ġranet illi ġejjin. *High street*

56.2.3 B'referenza għal punt 55.3.2 is-Sindku ta update fuq il-laqgħa l-iscooters fejn informa li saret laqgħa mat-TM u flimkien hemm ir-rieda li tinstab soluzzjoni, izda kulħadd jaqbel illi parking m'għandiex tintilef. *Scooters*

56.2.4 B'referenza għal punt 55.3.3 is-Sindku bi pjaċir informa li The Imperial approvaw illi ssir il-bust ta' Enzo Guzman fuq il-propjeta tagħhom. Se ssir ftehim legali sabiex din tkolla titneħħa f'każ illi bi ħsibhom jagħmlu użu b'dik l-area. *Bust: Enzo Gusman*

*Ġnien Bonello Du Puis*

56.2.5 B'referenza għal punt 55.9.1 is-Sindku staqsa jekk intbagħtet l-approvazzjoni lill-perita biex tmexxi bil-BoQ għall-proġett ta' Ġnien Bonello Du Puis. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara l-laqgħa li inżammet magħha d-deċiżjoni kienet illi l-Kunsill jgħid dak illi jixtieq

illi jsir u le u s'issa ma rċieva l-ebda kommunikazzjoni lura. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill imexxi bil-proposta oriġinali u bidliet isiru wara.

**Fis-18:38 wasal il-kunsillier P.Radmilli**

56.2.6 *Water Sculpture*

Is-Sindku qal illi saret laqgħa rigward il-Water Scultpure ta' Ġnien Independenza fejn hemm bzonn illi ssir applikazzjoni għal DNO.

**56.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

56.3.1 Is-Sindku rrefera għal Traffic Committee ta' TM li attenda fejn ġew diskussi trench works illi se jsir max-Xatt. Qal illi kien hemm oġġezzjoni mill-Kunsill biex jaħdmu bil-lejl u li hu ma kienx ikkupjat fl-emajl. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li meta tintbagħat emajl jirrispondi 'reply to all' waqt illi ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni izda kien hemm qbil illi jkun hemm l-istorbju sa 11pm. Dan wara problemi mar-residenti li kellna sentejn ilu meta saru trinek fl-istess żona.

56.3.2 Is-Sindku informa li qed isir infurzar fuq il-kiosks.

56.3.3 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma kellux bizzejjed ħin biex japplika għall-fondi tal-Greening peress illi ingħata time-frame pjutost qasira għax-xogħolijiet illi m'għandomx permess tal-Planning. Izda qal illi se jsiru laqgħat magħhom sabiex isiru proġetti fil-futur.

56.3.4 Is-Sindku qal illi tal-Fortina jixtiequ jagħmlu pontoon u sar jaf mill-midja u mhux direttament minn naħa tagħhom. Qal illi hu kontra l-applikazzjoni u talab illi tittieħed opinjoni tal-Kunsill. Qal illi hemm min jinżel jgħum hemm u tingħalaq l-aċċess. Kien hemm qbil unanimu illi jsir Press Conference fuq il-post wara li ssir studju fuq dak illi qed jiġri pproponat.

56.3.5 Is-Sindku żied illi tal-Fortina qegħdin jilmentaw illi qed jidħol l-ilma fil-gym u li mhumiex lesti jħallsu huma fuq propjeta tal-Gvern.

56.3.6 Is-Sindku qal illi qed ikomplu manutenzjoni tal-bandli ta' fejn it-Torri. Qal l-iswings għandom jaslu fil-13 ta' Marzu u se jkompli jsir manutenzjoni matul il-ġranet illi ġejjin.

56.3.7

Is-Sindku qal illi wara l-maltemp it-tarmac kien out of stock. Talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill illi l-kuntrattur jibda jieħu ħsieb ix-xogħol. Il-kunsillier A.Galea informa li b'hekk tintilef kontroll dwar fejn jużahom u kif jiċċarġja.

## 56.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

56.4.1 Ma kien hemm l-ebda rapport għad-diskussjoni.

## 56.5 RAPPORTI

56.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma waslux rapporti qabel il-laqgħa. Is-Sindku qal illi din hija serja li l-Contracts Manager mhux qed jibagħthom fil-ħin speċjalment bil-problemi li hemm fuq il-ġbir tal-iskart. Qal anka fuq ic-chat illi hemm fuq WhatsApp ma kien hemm l-ebda kumment waqt il-ħin tal-ġbir f'xahar u nofs.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fit-tender il-ġdid li issa għanda tiġi aġġudikata fil-bidu ta' Marzu, hemm stipulat illi irid isir checks fuq il-ġbir tal-iskart filgħaxija u mhux se jkun hemm min fejn wieħed joħroġ minnha.

Kien hemm qbil illi ikun hemm penali għax-xahar peress illi ma sar l-ebda checks/rapport fuq il-ġbir tal-iskart.

## 56.6 ITEMS OĦRA

56.6.1 Is-Sindku qal illi hu ordnat illi x-xogħol għall-monument ta' Tony Nicholl mhux ordnat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ma jafx min fejn qed jieħu l-informazzjoni izda m'hu veru xejn. Qal illi l-iskultur kien anka approva d-deadline illi tlabna izda ftit minuti wara rċieva telefonata mingħand il-mara tiegħu li qalet illi l-iskultur kien ma jiflaħx u waqa' lura fix-xogħol u se jkollom jitolbu li nestendu d-deadline. Ftit wara l-iskultur spiċċa l-isptar u għadu hemm sall-ġurnata tal-laqgħa. Żied illi dejjem baqa' mall-iskultur illi jista jaħdem meta jsir il-bażi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-iskultur illi x-xogħol se jinbeda malli kien hemm kollox f'postu biex jibda x-xogħol fuq il-bażi.

56.6.2 Il-kunsillier P.Radmilli talab illi ssir laqgħa mall-Każin tal-Banda tal-Karmnu biex nisimgħu l-proposta tagħhom għall-fondi ta' DPF.

56.6.3 Il-kunsillier P.Radmilli irrefera għall-fond tal-aġġustament fejn hemm bzonn tittieħed deċiżjoni tal-Kunsill dwar kif se jintużaw dawn l-€20,000. Is-Sindku ppropona xiri ta' apparat għall-ħasil. Kien hemm qbil unanimu mall-proposta.

56.6.4 Il-kunsillier P.Radmilli għamel referenza għall-proġett fuq iż-żuntier ta' Sacro Cuore fejn għadna ma rċevejniex deċiżjoni favur l-applikazzjoni. Qal l-armar qegħdin jaħdmu fuq proġett ieħor sabiex isir maħżen. Se jsir laqgħa magħhom, flimkien mall-membri tad-DPF.

56.6.5 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi la se jsir x-xogħol fuq triq il-Kbira, għad hemm il-fondi tad-DPF li kienu ġew approvati li issa mhux se jintużaw għalhiex il-proġett se jsir minn naħa ta' IM. Qal illi kien hemm laqgħa mall-PA fejn kien hemm suġġeriment biex il-fondi jintużaw għal parti oħra ta' triq il-Kbira sabiex il-kuntratt tibqa valida. Kien hemm qbil unanimu.

56.6.6 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fl-istess laqgħa wassalna l-messaġġ illi mhux vijabli li ssir plakka ma kull niċċa li se ssir. Il-Kunsill għandu jibgħat liċ-Chairman dwar din il-problema.

56.6.7 Is-Sindku staqsa dwar it-tender tal-latrina ta' Ferro Bay. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda feedback mingħand il-kunsilliera. Żied illi waslet ittra mingħand il-Cleansing Department biex il-meter tinqeleb fuqna. Kien hemm qbil sabiex immexxu bit-tender. Se ssir talba lil MTA biex jagħmlu xogħolijiet għas-sajf illi ġej.

56.6.8 Is-Sindku qal illi tlabna laqgħat sabiex naraw x'hemm bzonn isir mall-monument ta' Bisazza izda ma rċevejna l-ebda risposta lura. Żied illi qed jara ma' EneMalta u mall-Garaxx tal-Gvern x'assistenza nistgħu insibu minn naħa tagħhom għax-xogħol meħtieġ fuq id-dawl.

56.6.9 Is-Sindku staqsa jekk hemm update dwar il-latrini pubbliċi tax-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva telefonata mingħand perita tal-IM illi qalet illi huma kienu se jieħu ħsieb ix-xogħolijiet u li intbagħatet emajl lil MTA f'Ġunju tas-sena 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil rappreżentant tal-MTA li ma kienx jaf b'din l-emajl u kellu jara mall-persuna li kien inkluż fil-korrispondenza. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll illi f'Diċembru sar laqgħa flimkien mall-MTA, Lands u IM fejn kien hemm is-CEO ta' IM li mid-dehra ma kienx jaf b'din il-korrespondenza għalhiex qatt ma semmiet.

56.6.10 Il-kunsillier A.Galea qal illi kull nhar ta' Ġimgħa qed ikun hemm ammont ta' boroż suwed barra. Is-Sindku informa li leaflets intbagħtu lir-residenzi kolla.

56.6.11 Il-kunsillier D.Muscat qal illi hemm residenta li tieħu ħsieb niċċa ġewwa triq Viani k/m Sqaq Sajjan u talbet illi l-Kunsill iħallas il-kont tad-dawl tagħha. Dan għalhiex qabel il-kont kien qed titqassam bejn ammont ta' familji imma issa hi biss qed tħallas. Is-Sindku informa li mall-meter mhux bozza waħda jkun hemm imma jkun hemm affarijiet oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal il-Kunsill ma jistax iħallas kontijiet privati ta' ħaddieħor.
Il-kunsillier P.Radmilli qal x'aktarx interessi jidhru fil-kont per se u li għanda tibgħat l-aħħar kont sabiex naraw x'hemm.

**Il-kunsillier E.Borg telaq għall-ħabta ta' 20:30**

56.6.12 Il-kunsillier D.Muscat qal illi hemm bzonn bollard ġewwa triq St. Elena k/m triq il-Qasira għalhiex karozzi jidħlu ġewwa triq Santa Elena u jitilaw fuq il-bankina. Is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv informaw illi tinżel u mhux titla triq il-Qasira. Jekk hemm bzonn tabella li tneħħiet se naraw illi titpoġġa oħra.

56.6.13 Is-Sindku qal illi waslu ċekkijiet tar-riklamar tat-toroq illi kienu pendenti.

56.6.14 Il-kunsillier J.Dougall staqsa jekk il-proġett ta' Bisazza tinkludi l-monument. Ir-risposta kienet iva.

56.6.15 Il-kunsillier J.Dougall staqsa jekk se jsir xogħol fl-isqaq ta' triq it-Torri. Is-Sindku wieġeb illi mhemmx x'tirranġa ġo fiha.

56.6.16 Il-kunsillier J.Dougall staqsa jekk kien hemm zvilupp fuq il-mozzjoni ta' Onor. Robert Arrigo. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi kien hemm kumitat ta' 4 nies li ressqu l-mozzjonijiet illi kellom isibu l-aqwa kompromess u s'issa ma rċieva xejn.
Il-kunsillier J.Dougall ippropona li tissemma l-parti ta' triq Tigne bejn Ċensu Xerri u triq Sant' Antnin wara Onor Arrigo, kif ukoll il-Pjazza ta' Tigne.

56.6.17 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat emajl li rċieva mingħand Braga li talbu li l-Kunsill ikun partner fil-programm ta' URBACT. Qal irċieva

2 risposti izda ma jistax imexxi mingħajr quorum. Il-kunsilliera talbu li terġa tintbagħat il-korrispondenza.

56.6.18 Is-Sindku qal illi qed jara l-kirja għall-van għolja ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi għanda toħroġ tender biex tinxtara waħda electric. Is-Sindku qal għandna nbiddlu dik illi għandna biex naraw l-aħjar vettura għall-essiġenzi tal-Kunsill u t-tender toħroġ skont li nsibu.

56.6.19 Is-Segretarju Eżekuttiv talab għall-approvazzjoni l-leave tal-impjegati u tas-Segretarju Eżekuttiv jiġu estiżi għas-sena d-dieħla skont il-liġi.

56.6.20 Is-Sindku qal illi jixtieq jara tibdil fil-ħinijiet tal-ftugħ tal-Kunsill fejn il-Kunsill jiftaħ u jagħlaq kmieni, u ikun hemm tibdil ukoll fil-ħinijiet tas-sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem ftit ma' dawk illi se jiġu affetwati l-izjed, cioe dawk illi jaħdmu minn filgħodu sa meta tingħalaq il-Kunsill, u importanti l-istaff ikunu on-board ma kull tibdil.

56.6.21 Is-Sindku qal illi l-proġett tal-Car Park ma jarax kif se ssir issa u hu mhux favur il-proġett. Ippropona li tiġi diskussa l-possibilita li ssir Civic Center minflok.

**Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa titkompla.**

56.6.22 Is-Sindku ippropona li minflok isir il-Car Park tax-Xatt. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-problema bi Car Park tkun illi se toħloq żieda fit-traffiku u għalhekk hemm bzonn isiru studji.

**56.7** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORT TA' KUMITATI/SOTTO-KUMITATI**

56.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapport

**56.8** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

56.8.1 Il-Kunsill ma approvax il-pagament tal-kuntrattur tal-lattrini pubbliċi għax-xiri ta' materjal u għax-xogħol ta' manutenzjoni peress illi kien hemm invoices separati għall-istess ħaġa. Qabel ma ikun hemm spjegazzjoni ċara dwar xiex inhuma se tinżamm il-pagament.

56.8.2 Ittiħdet deċiżjoni wkoll biex tinżamm il-pagament tal-Contracts Manager peress illi ma pprovdiex ir-rapporti fil-ħin.

56.8.3 Il-pagament għall-ARMS ma ġewx approvati

56.8.4 Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata, ħlief għal dawk imsemmin taħt punt 56.8.1, 56.8.2 u 56.83. Il-kunsillier D.Muscat issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera presenti.

**56.9**

**MOZZJONIJIET**

56.9.1

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**56.10**

**TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

56.10.1

Is-Seduta ntemmet fid-21:40. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2023.

Minuti approvati llum 20 ta' Marzu 2023

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**